



Brussell, 23 ta' April 2021
(OR. en)

8112/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0066(NLE)

MAR 67
OMI 33
ENV 251

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 7252/21	
Nru dok. Cion: 7139/21	
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-103 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima u s-76 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-adozzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-programm imtejjeb ta' spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta' Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u Tankers taż-żejt, il-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien, u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-Sistemi tal-Anti-fouling ta' Ħsara fuq il-Bastimenti – Adozzjoni

INTRODUZZJONI

1. Fit-18 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-103 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC 103) u s-76 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC 76) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għal:

- a) Parti A tal-Kodiċi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, 1978 (il-Konvenzjoni STCW) (biex jiċċaraw il-livell operazzjonali tal-funzjonijiet ta' "uffiċjal elettrotekniku" u jintroduċu definizzjoni komuni tat-terminu "vultaġġ għoli");
- b) L-Anness 2 għall-Parti A tal-Anness B għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011) (biex is-surveyors ikunu jistgħu jiffukaw fuq żoni ta' suspett għall-kejl tal-ħxuna ta' tankers taż-żejt b'buq doppju);
- c) Il-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS) (biex jakkomodaw sistemi li jikkombinaw is-sikurezza mtejjba ta' detetturi tan-nar identifikabbli individwalment meħtieġa għall-vapuri tal-passiġġieri, bl-iżolament tal-ħsarat f'taqsima identifikabbli inqas kumplessa u inqas għalja attwalment aċċettabbli għall-vapuri tal-merkanzija u l-gallarija tal-kabini tal-vapuri tal-passiġġieri biss);
- d) L-Annessi 1 u 4 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-Sistemi tal-Anti-fouling ta' Ħsara fuq il-Bastimenti, 2001 (il-Konvenzjoni AFS) (biex jiżguraw projbizzjoni globali fuq is-sustanza tal-anti-fouling, iċ-ċibutrin, li l-bejgħ u l-użu tagħha diġà huma pprojbiti fl-Unjoni).

3. L-emendi għall-Konvenzjoni STCW, il-Kodiċi ESP tal-2011 u l-Kodiċi FSS, li huma mistennija jiġu adottati matul l-MSA 103, ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, ir-Regolament (UE) 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, rispettivament.

¹ Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33).

² Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3).

³ Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

4. L-emendi għall-Konvenzjoni AFS, li huma mistennija jiġu adottati matul l-MEPC 76, ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

5. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fit-23 ta' Marzu 2021. Wara dik il-laqgħa, saru xi modifiki għat-test, li ntbagħtu għall-kummenti lid-delegazzjonijiet sat-30 ta' Marzu 2021. L-ebda delegazzjoni ma oġġezzjonat għat-test modifikat.
6. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar xi wħud mill-emendi li saru għall-proposta oriġinali tagħha u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti.
7. Wara l-ftehim milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

KONKLUŻJONI

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 7527/21, imħejji mis-servizz tal-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
9. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

¹ Regolament (UE) 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).